MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 473/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta u
Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**LINEKER DAVID MICALLEF**

**Illum, 23 ta' Gunju, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lineker David Micallef ta' 16-il sena, bin Mario u Emanuela nee' Calleja, imwieled Pieta' fit-10 ta' April 1987 u residenti: 84, Triq in-

Naxxar, Birkirkara detentur tal-karta ta’ identita bin-numru 0196887M gie akkuzat:

Talli f’dawn il-Gzejjer, fis-26 ta’ Marzu 2003, u fil-granet ta’ qabel u dawk ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq bi hsara ta’ HSBC Bank Malta plc; David Andrew Camilleri, u diversi persuni ohra bi ksur ta’ l-artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. xjentement laqa’ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li kien indahal biex imexxiejhom jew bieghhom, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe’ cekkijiet ta’ l-HSBC Bank li jappartjenu lil Jonathan Zammit, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien flaz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kollhom jippruvaw, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe’ cekkijiet tal-HSBC Bank fuq l-akkont ta’ Jonathan

Zammit illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SB3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li rega' gie mistoqsi jekk iridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew le l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat ukoll li l-Ufficjali Prosekuturi ddikjaraw fil-Verbal tas-seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet kollha migbura.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 308, 309, 310, 334, 183, 167, 169, 18 u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Lineker David Micallef, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, l-eta' tenera tal-imputat, l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza kif ukoll li r-rifurtiva giet kollha migbura, tillibera lill-Imputat Lineker David Micallef taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Lineker David Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------